

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Notifika ta' dokumenti (rifomulazzjoni)
Notifika ta' dokumenti (rifomulazzjoni)

Litwanja

L-Artikolu 3(1) – Aġenziji mittenti

Il-qradi ordinarji kollha tar-Repubblika tal-Litwanja li jitrattaw materji ċivili u kummerċjali huma kompetenti biex jittrażmettu dokumenti lil Stat barrani f'konformità mar-Regolament.

<https://www.teismai.lt/lt/visuomenei-ir-ziniasklaidai/teismai-ir-teisejai/teismu-kontaktai/1700>

L-Artikolu 3(2) – Aġenziji riċeventi

Il-korp maħtur biex jirċievi talbiet minn Stati Membri oħra għan-notifika ta' dokumenti f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament huwa l-Kamra Litwana tal-Uffiċjali Ġudizzjarji.

Detalji ta' kuntatt tal-Kamra Litwana tal-Uffiċjali Ġudizzjarji:

Indirizz: Konstitucijos pr. 15, LT-09319 Vilnius, il-Litwanja

Telefown: +370 5 2750067, +370 5 2750068

Email: info@antstoliurumai.lt

L-Artikolu 3(4)(c) – Mezzi biex jirċievu d-dokumenti

Jekk it-trażmissjoni ma tkunx possibbli minħabba tfixkil fis-sistema deċentralizzata tal-IT jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, l-aġenzija riċeventi tista' taċċetta d-dokumenti bil-posta.

L-Artikolu 3(4)(d) – Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard li tinsab fl-Anness I

Minbarra l-Litwan, ir-Repubblika tal-Litwanja taċċetta formoli mimlija bl-Ingliż.

L-Artikolu 4 – Korp ċentrali

Il-korp ċentrali għat-tweittiq tal-funzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament huwa l-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Litwanja.

Detalji ta' kuntatt tal-Ministeru Litwan għall-Ġustizzja:

Indirizz: Gedimino pr. 30, LT-01104 Vilnius, il-Litwanja

Telefown: + 370 600 38 904

Email: rastine@tm.lt

L-Artikolu 7 – Assistenza f'inkjesti dwar indirizzi

Il-korp maħtur skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament li l-aġenziji mittenti ta' Stati Membri oħra jistgħu jissottomettu talbiet biex jiġi stabbilit l-indirizz tal-persuna li għandha tiġi nnotifikata huwa l-Kamra tal-Uffiċjali Ġudizzjarji tal-Litwanja.

Detalji ta' kuntatt tal-Kamra Litwana tal-Uffiċjali Ġudizzjarji:

Indirizz: Konstitucijos pr. 15, LT-09319 Vilnius, il-Litwanja

Telefown: +370 5 2750067, +370 5 2750068

Email: info@antstoliurumai.lt

L-Artikolu 8 – Trażmissjoni tad-dokumenti

Minbarra l-Litwan, ir-Repubblika tal-Litwanja taċċetta formoli mimlija bl-Ingliż.

L-Artikolu 12 – Meta d-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta dokument

-

L-Artikolu 13 – Data tan-notifika

Il-leġiżlazzjoni Litwana ma tistabbilixxi termini speċifiċi għan-notifika tad-dokumenti.

L-Artikolu 14 – Ċertifikat tan-notifika u kopja tad-dokument notifikat

Il-lingwi aċċettati fir-Repubblika tal-Litwanja skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament huma l-Litwan u l-Ingliż.

L-Artikolu 15 – Spejjeż tan-notifika

It-tariffa fissa ta' darba hija ta' EUR 110.

Din it-tariffa trid titħallas fil-kont tal-aġenzija riċeventi, il-Kamra Litwana tal-Uffiċjali Ġudizzjarji.

Il-Kamra Litwana tal-Uffiċjali Ġudizzjarji

Indirizz: Konstitucijos pr. 15, Vilnius LT-09319, il-Litwanja

Bank: Luminor Bank AB, kodiċi tal-bank 40100, kodiċi SWIFT AGBLLT2X, numru tal-kont: LT92 4010 0424 0031 5815, Kodiċi tal-entità ġuridika 126198978.

L-Artikolu 17 – Notifika minn aġenti diplomatiċi jew uffiċjali konsulari

-

L-Artikolu 19 – Servizz elettroniku

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 20 – Notifika diretta

In-notifika diretta ta' dokumenti ġudizzjarji, kif previst fl-Artikolu 20 tar-Regolament, ma hijiex permessa fir-Repubblika tal-Litwanja.

L-Artikolu 22 – Meta l-konvenut ma jidherx għall-proċediment

Il-qradi tar-Repubblika tal-Litwanja jistgħu jagħtu sentenza anke jekk ma jkunx rċeview l-ebda ċertifikat ta' notifika jew ta' konsenja tad-dokument promotur jew dokument ekwivalenti, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament. Fil-każijiet previsti fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament (ħlief kif previst fl-Artikolu 22(5)), il-konvenut huwa intitolat li jippreżenta rikors għal estensjoni ta' skadenza maqbuża għall-preżentazzjoni ta' appell. Rikors għal estensjoni ta' skadenza maqbuża għall-preżentazzjoni ta' appell ma jiġi ikkunsidrat jekk tkun għaddiet aktar minn sena mid-data tas-sentenza.

L-Artikolu 29 – Relazzjoni ma' ftehimiet jew arranġamenti bejn l-Istati Membri

Il-Litwanja ma kkonkludiet l-ebda ftehim jew arranġament ma' Stati Membri oħra, kif imsemmi fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament, biex tħaffef jew tissimplifika aktar it-trażmissjoni tad-dokumenti, u lanqas ma għandha abbozzi ta' tali ftehimiet jew arranġamenti li għandha l-Ħsieb li tadotta.

L-Artikolu 33(2) – Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

-
L-añhar aġġornament: 18/01/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.